

Iż-żewġ miżuri huma sproporzjonati fir-rigward tal-impatt negattiv fuq l-imprezzi tat-trasport fl-Istati Membri tal-Unjoni, speċjalment dawk li jinsabu fil-periferija ġeografika tal-Unjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq restrizzjoni mhux iġġustifikata tad-dritt ta' stabbiliment, kif stabbilit fl-Artikolu 49 TFUE

Ir-Rumanija tikkunsidra li l-miżura stabbilita fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tiġġenera spejjeż operattivi sinjifikattivi għall-kumpanniji tat-trasport mwaqqfa fi Stat Membru fil-periferija ġeografika tal-Unjoni. Il-profittabilità u impliċitament l-attrazzjoni għat-twaqqif ta' kumpannija bħal din f'dawn l-Istati ser tonqos sinjifikattivament. Fl-istess ħin, l-operaturi diġà stabbiliti ser jiċċaqilqu lejn l-Istati fl-Ewropa tal-Punent sabiex inaqqsu l-effetti negattivi tal-obbligu tar-ritorn tal-vettura fiċ-ċentru operazzjonali fl-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat.

Għalhekk din il-miżura tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE. Din ir-restrizzjoni ma hijiex iġġustifikata.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 18 TFUE

Ir-Rumanija tikkunsidra li l-miżura tar-ritorn tal-vettura lejn iċ-ċentru operazzjonali fl-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat u r-restrizzjonijiet supplimentari fuq il-kabotaġġ huma kuntrarji għall-għanijiet ta' konverġenza tal-Unjoni u għandhom natura protezzjonista, li joħlqu ostakoli sinjifikattivi għad-dħul fis-suq tat-trasport minn operaturi li ma humiex residenti.

Għalkemm apparentement mhux diskriminatorji, dawn il-miżuri *de facto* ser ikollhom impatt differenti fil-livell tal-Istati Membri, peress li ser jaffettwaw b'mod sinjifikattiv u sproporzjonat l-attività ekonomika tal-operaturi tat-trasport stabbiliti fil-periferija ġeografika tal-Unjoni.

Minbarra dan, il-miżuri koperti bir-Regolament 2020/1055, bir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi⁽¹⁾ u bid-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012⁽²⁾ (dwar ir-restrizzjoni supplimentari għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, ir-ritorn tal-vettura fiċ-ċentru operazzjonali tal-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat, ir-ritorn tas-sewwieq tal-vettura fi żmien erba' ġimgħat, il-projbizzjoni li l-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jitwettqu fil-kabina tal-vettura u l-kollokament tas-sewwieq tal-vettura) kienu intiżi bħala pilastru li jiffurmaw flimkien pakkett leġislattiv wieħed, kument li fih hija biss analiżi tal-effetti kumulattivi tagħhom li tista' turi l-impatt reali tagħhom fis-suq tat-trasport.

⁽¹⁾ ĠU 2020, L 249, p 1.

⁽²⁾ ĠU 2020, L 249, p 49.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2020 – Ir-Rumanija vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-548/20)

(2021/C 19/35)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Rumanija (rappreżentanti: E. Gane, L. Lițu u M. Chicu, bħala aġenti)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU 2020, L 249, p. 49), f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 1(3) sa (6);

sussidjarjament, biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li dawn id-dispożizzjonijiet huma marbuta b'mod inseparabbli ma' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva (UE) 2020/1057 jew jikkonċernaw l-essenza ta' dan l-att, tannulla fl-intier tiegħu dan l-att leġiżlattiv tal-Unjoni;

- tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Rumanija tinvoka żewġ motivi:

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE

Ir-Rumanija tikkunsidra li għall-identifikazzjoni tal-ipoteżi ta' applikazzjoni tas-sistema ta' kollokament fit-trasport bit-triq, il-kriterju tat-tipoloġija tal-operazzjoni tat-trasport ma kinitx suġġetta għal evalwazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni u ma hija sostnuta minn l-ebda rapport/studju jew data xjentifika.

F'dan il-każ, il-koleġislaturi kienu meħtieġa jwettqu evalwazzjoni tal-impatt, fil-kuntest li fih emendaw b'mod fundamentali l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr biżżejjed evidenza li tippermettilhom jevalwaw il-proporzjonalità tal-miżura l-ġdida.

Minbarra dan, il-kriterju tat-tipoloġija tal-operazzjonijiet tat-trasport joħloq inċertezzi fl-identifikazzjoni tal-Istat Membru ospitanti u tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Konsegwentement, l-użu ta' dan il-kriterju jaffettwa ċ-ċertezza legali, billi jmur kontra, *inter alia*, l-għanijiet iddikjarati tad-Direttiva 2020/1057.

Barra minn hekk, l-applikazzjoni tas-sistema ta' kollokament fit-trasport bit-triq b'relazzjoni mal-kriterju tal-operazzjoni tat-trasport hija ta' natura tali li taffettwa l-flessibbiltà u l-ħeffa speċifika f'dan il-qasam.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 18 TFUE

Ir-Rumanija tikkunsidra li, fil-kuntest li fih is-suq tat-trasport internazzjonali huwa oġġettivament iċċentralizzat/ippolarizzat u tas-sehem dejjem jiżdied tal-operaturi fis-suq tat-trasport internazzjonali fl-Istati Membri li jinsabu fil-periferija tal-Unjoni, huwa ċar li huma prinċipalment l-operaturi f'din iż-żona li ser isostnu l-ispejjeż amministrattivi u finanzjarji assoċjati mal-kollokament u li ser jifavorixxi t-tweġiq ta' dawn il-miżuri bħall-Artikolu 1(3) sa (6) tad-Direttiva 2020/1057.

Minbarra dan, il-miżuri koperti bid-Direttiva 2020/1057, bir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi⁽¹⁾ u bir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq⁽²⁾ (dwar ir-restrizzjoni supplimentari għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, ir-ritorn tal-vettura fiċ-ċentru operazzjonali tal-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat, ir-ritorn tas-sewwieq tal-vettura fi żmien erba' ġimgħat, il-projbizzjoni li l-perijodi regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jitwettqu fil-kabina tal-vettura u l-kollokament tas-sewwieq tal-vettura) kienu intiżi bħala pilastru li jiffurmaw flimkien pakkett leġiżlattiv wieħed, kuntest li fih hija biss analiżi tal-effetti kumulattivi tagħhom li tista' turi l-impatt reali tagħhom fis-suq tat-trasport.

⁽¹⁾ ĠU 2020, L 249, p 1.

⁽²⁾ ĠU 2020, L 249, p 17.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2020 – Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-549/20)

(2021/C 19/36)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentant: Eirini Neofytou)

Konvenuti: Ir-Repubblika ta' Ċipru vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2020/1055⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq, fil-parti li fiha din id-dispożizzjoni tippredvi il-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009. Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dan ikun possibbli, hija qiegħda tintalab tannulla l-Artikolu 1(3) fl-intier tiegħu;
- sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis bħala inammissibbli kawża intiża għall-annullament parzjali tar-regolament ikkontestat kif deskritt fil-punt preċedenti, tannulla r-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tat-talba tagħha r-rikorrenti tinwoka seba' motivi għall-annullament:

L-ewwel motiv għal annullament: ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuti kisru l-Artikolu 90 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 11 TFUE, l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3(5) TUE, l-Artikoli 208(2) u 216(2) TFUE u t-Trattat ta' Pariġi.

It-tieni motiv għal annullament: ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuti kisru l-prinċipju ta' proporzjonalità, kif previst fl-Artikolu 5(4) TUE u u fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, anness mat-TUE u mat-TFUE.